

Mela, dis-sena hassejt li jien, l-ixjeh wiehed fost l-istudenti, filwaqt li nirrapprezenta lil shabi, kelli nikteb xi haga biex nesprimu l-gratitudni taghna lejn kulma tatna l-akkademja tul dawn l-ahhar snin, ghalhekk din se tkun wahda li hierga mill-qalb. Ghaddiet sena ohra, sena ta' hidma min-naha ta' kulhadd, li nbidlet f'rizultati sbieh. Biss, dan kollu seta' jsehh bis-sahha taghkom, li konna team wiehed, u mhux individwalisti. Li kieku wassaltuna biss sa dak li kellna nitghallmu biex nerbhu l-loghob taghna, kontu tkunu ghamiltu biss kwart ix-xoghol li ghamiltu s'issa u li ahna nafu. Dan ghaliex tghallimna ferm iktar minn dak kollu li ghandu x'jaqsm mal-isport, uhud minnhom huma d-dixxiplina, il-kollaborazzjoni, l-impenn filwaqt li l-hbiberija. Ma nkunx qed nigdeb jekk nghid li l-akkademja saret wahda mid-djar taghna. F'kemm ilna nafu lil xulxin sirna grupp wiehed, filwaqt li nhossu n-nuqqas ta' xulxin sakemm nergghu niltaqghu. Intom geghiltuna nhossuna haga wahda u parti minnkom.

Nibda bi Dwardu billi nirringrazzjah ta' kemm hu bis sens, uniku u li jigbdek mill-ewwel bic-cajt helu u t-tbissima tieghu, is-Soler, iz-zaghzugh maz-zghazagh, ikompli mieghek u jinteressa ruhu fik, Alex Anastasi, zaghzugh f'kollox, fl-ispirtu u f'sahhtu li baqa' intiz sew fl-isport u fl-ahhar lil Mario li jqis lil kull wiehed u wahda minna bhala t-tfal tieghu, tas-sapport li dejjem tana f'kull qasam tal-hajja u ta' kemm heggigna, fahharna, iddefendiena u fethilna toroq ta' opportunitajiet mhux biss fit-table tennis.

Mela, qabel naghlaq din l-ispeci ta' speech, nixtieq nghid grazzi lill-kumitat kollu, u ha nsemmi zewg persuni li nafhom sew jien li fl-opinjoni tieghi taw aktar mill-massimu taghhom biex tissahhah l-akkademja. Lil Mr Tony Vella, li ibda biex, minjaf kemm-il darba twekka bija u b'ohti biex iwassalna d-dar, avolja dan m'ghandux x'jaqsam, le, ta' kemm jinteressa ruhu fina, ahna bhala players u iktar minn hekk bhala membri f'din l-akkademja. It-tieni nett ma nistax ma nsemmix lis-sinjura ta' wara l-kwinti, dik li darba kienet qaltli "Ghax jien ma jafux bija z-zghar tal-akkademja." Kunu afu min hi, Katia Mifsud. Minn hawnhekk nixtieq nghidlek grazzi ta' kemm dawn l-ahhar snin u iktar minn hekk dawn l-ahhar xhur urejt kemm ghandek karattru sod, kapacitajiet enormi u qalb kbira. Proset ta' kemm drabi kont maghfusa bix-xoghol u xorta wahda hdimt bis-shih u iktar milli jmissek.

L-ahhar ringrazzjamenti jmorru ghal dawk li minghajrhom m'ahniex hawn, il-familjari taghna, tal-pacenzja, sabar, kontribut finanzjarju u mhabba li dejjem tawna. Finalment lil ohti fl-ghajnuna fil-Malti ta' din l-ispeech u lil Daniel ta' kemm sibthom hemm ghalija, u lil shabna prezenti illi sena wara sena, permezz tal-kumpanija taghhom, urew hbiberija sinciera u sapport kbir. Minn hawnhekk nixtieq nghidilkom kemm intom bomba!

L-ahwa, intom tafu kemm infethu u nghalqu skejjel tat-table tennis f'Malta, imma wahda biss baqghet bil-kwalita' superjuri taghha, u din il-wahda m'hemmx ghalfejn nghidilkom jien, tafu bizzejjed liema hi. L-akkademja taghna biddlet il-post tat-training, dahlu players godda, izda xorta baqghet hemm u xejn ma waqqafha milli tikber u ssir ahjar minn qabel. Ahna mhux il-post li jaghmilna l-akkademja u lanqas il-kundizzjonijiet tal-loghob, izda ahna u r-rabta li hemm bejnietna li saret bis-sahha ta' kull wiehed u wahda li hawn hawnhekk. Mela allura l-grazzi finali taghna tkun grazzi akkademja, li ghamiltu din l-istess akkademja familja ohra. Ic-capcipa li haqqhom hi l-ikbar wahda li qatt inghatat, izda ahna m'ghandniex il-hin kollu li rridu, allura capcpulhom xorta wahda.

William Victor Camilleri